# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024**

**Numru 11**

**Rikors Numru 690/20TA**

**Yordanka Yourdavona [K.I 207724(A)]**

**vs**

**BV Formosa Company Limited (C36163)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Yordanka Yourdanova (l-Attrici) tal-10 ta' Awwissu 2022 li permezz tiegħu premettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi r-rikorrenti kienet impjegata mal-kumpanija intimata;

2. Illi nhar it-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) ir-rikorrenti kienet involuta f'incident fuq il-post tax-xoghol waqt li hija kienet qieghda tahdem fuq l-istruzzjonijiet tas-socjeta' intimata;

3. Illi dan l-incident sehh unikament minhabba negligenza grosso lana, traskuragni, u nuqqas ta' osservanza tar-regolameti dwar is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta' intimata li naqset kompletament milli tipprovdi lir-rikorrenti bi protezzjoni adegwata li permezz tieghu hija setghet taghmel ix-xoghol taghha minghajr perikolu u, b'mod generali, li naqset milli tipprovdi ambjent ta' xoghol illi jhares u jassigura s-sahha u s-sigurta' tieghu, u dan kif se jigi ampjament ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi, b'konsegwenza ta' tali incident, ir-rikorrenti garbet griehi fuq il-persuna taghha b'ferita subita fil-polz tan-naha tax-xellug ta' idha

liema ferita rrizultat fi qtugh tan-nerv ewlieni bir-rizultat li l-qabda taghha giet anjentata jew menomata kunsiderevolment.

5. Illi l-intimata soffriet dizabilita' permanenti u minhabba dan ma tistax tahdem aktar, hekk kif iccertifika l-konsulent ortopediku, Dr. Jason Zammit, permezz tar-Rapport anness u mmarkat bhala Dok. 'A' u Dok. 'B'.

6. Illi ghalhekk, b'konsegwenza tal-incident de quo, ir-rikorrenti soffriet danni konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans, u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

7. Illi ghalkemm l-intimat gie interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u konsegwenzjali hlas ta' danni sofferti mill-esponent, l-istess intimat nonostante baqa inadempjenti;

8. Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatt personalment;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgoba:

1. Tiddikjara u tiddeciedi ili l-intimat BV Formosa Company Limited (C36163) huwa unikament responsabbli ghall-incident imsemmi fuq u ghad-danni kollha li soffriet ir-rikorrenti b'konsegwenza ta' dan l-incident;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta in linea ta' danni."

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' BV Formosa Limited (is-Soċjeta' konvenuta) li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. "Illi preliminarjament ir-rikors guramentat huwa pjuttost vag fejn l-attrici tonqos milli tispjega kif u come gara l-incident imsemmi, u ghalhekk is-socjeta` eccipjenti taghmilha cara li qieghda tirrizerva li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz kif u/jew meta jigu ccarati l-fatti. Illi oltre hekk, l-attrici taghmel referenza ghal ferita f'idha l-leminija fir-rikors promotur u f'atti precedenti izda, mid-dokumenti u provi li wasslu ghand is-socjeta` eccipjenti, l-attrici ma sofriet ebda ferita f'idha l-leminija u ghalhekk is-socjeta` eccipjenti zzomm id-dritt li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri f'kaz illi l-attrici tittenta titlob danni fuq feriti ohra, inkluz li tecepixxi l-preskrizzjoni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante illi huma nfondati

fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi s-socjeta' eccipjenti m'hijiex responsabbli ghall-incident *de quo*, hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-obbligu jinkombi fuq l-attrici li tipprova r-responabbilta` tas-socjeta` eccipjenti u n-ness bejn din ir-responsabbilta` u l-allegati danni mgarrba minnha;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-incident de quo sehh minhabba n-negligenza u nuqqas ta' prudenza tal-attrici stess, u dan kif ser jirrizulta tul il-kawza.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, dato ma non concesso li s-socjeta` eccipjenti hija responsabbli ghall-incident, l-attrici ghandha tipprova d-danni li effettivament garrbet kif ukoll il-quantum taghhom, liema danni huma kontestati, inter alia stante li l-attrici baqghet tithallas tul dawk ic-cirka tliet gimghat u li wara l-incident hi kompliet tahdem minghajr ilment, kif ukoll safejn taf is-socjeta` eccipjenti, l-attrici anke talbet u hadet xi beneficcji.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-succepit, dato ma non concesso li s-socjeta` eccipjenti hija responsabbli ghall-incident, huwa principju kardinali li wiehed ghandu jimminimizza d-danni u mhux izidhom, u ghalhekk is-socjeta` esponenti tipprotesta ghal kwalunkwe danni li setghu gew evitati u/jew minimizatti mill-attrici inkluz billi ma taghmilx hsara ulterjuri u billi tiehu azzjoni rimedjali sabiex tissana l-hsara.

7. B'rizerva għal eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija min'issa ingunta in subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi spettanti lis-socjeta' eccipjenti."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa mill-partijiet fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Jirrisulta li l-Attriċi kienet impjegata mas-Soċjeta' konvenuta bħala *room attendant* inter alia tagħmel xogħol ta' tindif fil-kmamar tal-Lukanda Bella Vista il-Qawra f'San Pawl il-Baħar. Fit-12 ta' Ġunju 2016 l-Attriċi

kellha inċident fuq il-post tax-xogħol f'idejha x-xellugija b'riżultat li nqatgħula xi nerveturi.

**2.** B'riżultat ta' dan l-inċident l-Attriċi qed tbati minn debilita' permanenti. L-Attriċi tattribwixxi t-tort għal dan l-inċident lis-Soċjeta' konvenuta minħabba fost oħrajn nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti u liġijiet li jħarsu s-saħħa tal-ħaddiem fuq ix-xogħol. Għalhekk kellha tagħmel din il-Kawża.

**3.** Irid jingħad li tul il-Kawża ma ħariġx b'mod ċar għall-aħħar ta' kif seħħ l-inċident.

**Punti ta' liġi**

**4.** Hawn ninsabu fil-kamp legali tal-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiem fuq ix-xogħol. Irrisulta b'mod ċar li l-Attriċi kienet tassew impjegata mas-Soċjeta' konvenuta. L-Attriċi ġiet hekk impjegata bħala *room attendant* fost oħrajn biex tnaddaf kmamar fil-lukanda. Dan ifisser li r-rabta li tesisti bejn il-partijiet hija waħda kjarament kuntrattwali *ta' location operis.*

**5.** Konsegwentement fl-isfond ta' ġurisprudenza konċernanti r-responsabilitajiet ta' min iħaddem versu l-impjegati tiegħu, irid jittieħed in kunsiderazzjoni dak li jipprovdi l-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:- *"Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in buona fede, jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita, bl-uzu jew bil-ligi"*.

**6.** Di fatti fis-Sentenza tal-**Prim Awla deċiża fit-30 ta' April, 1997, fl-ismijiet Joseph Bugeja -vs- Anthony Falzon et pro et noe** intqal hekk:-

"*Dan l-artikolu (993) fuq kwotat igib bhala wiehed mill-obbligi effett ta' dawn il-kuntratt l-obbligu ta' min ihaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet fuq ix-xoghol li jassiguraw is-sahha tal-haddiem fl-ambjent tax-xoghol tieghu".*

**7.** Pero' dan ma jfissirx li dan huwa l-uniku artikolu li jirregola dan il-kamp tal-Liġi. Apparti dan hemm liġijiet speċjali u l-avviżi legali li jitnisslu minnha. Di fatti l-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta ġie imfassal u daħal fis-seħħ espliċitament biex jirregola fid-dettal l-obbligi li għandhom kemm min jimpjega u kif ukoll l-impjegat sa fejn jirrigwarda l-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiem fuq ix-xogħol.

**8.** Ġie għalhekk ritenut li l-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali. Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII tal-2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta)).

**9.** Dan l-obbligu kompla jiġi regolat u msaħħaħ bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18) (Ara **Sentenza fl-ismijiet John Sultana vs Francis Spiteri et noe tat-28 ta' Mejju 1979**). Di piu', s-**Sentenzi fl-ismijiet Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farrugia et noe tas-7 ta' Diċembru 1994** u **Keith**

**Caruana -vs- Joseph Paris et noe tat-12 ta' Frar 1999**, jelenkaw b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem. Jingħad ukoll li "*Huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess*" (Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994). (Ara ukoll **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi -vs- Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Ottubru 2013**).

**10.** Fil-waqt li fis-**Sentenza fl-ismijiet Carmelo Fenech -vs- Malta Freeport Terminals mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019**, ingħad illi d-dottrina tgħallem li fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16).

**11.** B'żieda ma' dan, kull min iħaddem irid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (Ara **Sentenza App. Ċiv. tat-28 ta' April, 2017 fl-ismijiet Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. et**). B'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu

b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub.

**12.** Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (Art. 6(3) tal-Kap 424).

**13.** Iżda daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Ara **Sentenza tal-Qorti Kum, tad-9 ta' Settembru 1981 fl-ismijiet Godfrey Borg -vs- George Wells et noe**). Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (Ara **Sentenza tal-P.A. tal-10 ta' Ottubru1980 fl-ismijiet Calleja -vs- Fino**).

**14.** Irid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu

jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (Ara **Sentenza tal-P.A. tat-30 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Richard Farrugia - vs- Elbros Construction Ltd**). B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (Ara ukoll **Sentenzi tal-P.A. tad-9 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia -vs- Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**).

**15.** Għalhekk fid-dawl tal-liġijiet imsemmija u tagħlim tal-Qrati, din il-Qorti ser issa tgħaddi biex tistabilixxi l-ewwel il-kwistjoni ta' responsabbilita' qabel kull konsiderazzjoni oħra.

**Konsiderazzjonijiet**

*Ir-responsabbilita'*

**16.** Is-Soċjeta' konvenuta teċċepixxi primarjament li ma taħtix għal dak li ġara.

**17.** Bħala fatti ġie ampjament stabbilit li l-Attriċi tassew weġġgħet fuq il-post tax-xogħol. Di fatti Rosario Formosa għas-Soċjeta' konvenuta fl-affidavit tiegħu jirrikonoxxi li l-Attriċi tassew weġġgħet fuq ix-xogħol. (Ara para 6 tal-affidavit tiegħu). Dan jgħid ukoll li jaf bl-inċident u jgħid ukoll li

jaf li marret il-policlinic biex jagħmlulha xi punti (a' fol 89). Dan il-fatt huwa korroborat anke minn diversi dokumenti fost oħrajn minn dak esebit mir-rappresentant tal-Jobs Plus minn fejn jirrisulta l-impjieg tagħha mas-Soċjeta' konvenuta bejn il-25 ta' April 2016 sas-7 ta' Awwissu 2016, meta l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ fit-12 ta' Ġunju 2016.

**18.** Dwar kif ġara l-inċident ma hux ċar. Mill-kontro eżami joħroġ li l-Attriċi tat tlett verżjonijiet dwar kif seħħ l-inċident. Waħda li weġġgħet meta kienet qed tagħmel is-sodda, l-oħra li kienet qed tnaddaf it-tieqa u l-oħra li t-tieqa instabtet bir-riħ (a' fol 189 u 190). Il-Qorti ma tistax ma tieħux inkonsiderazzjoni li l-Attriċi ma taf tesprimi ruħha xejn tajjeb bil-lingwa ingliża u għalhekk anke hawn, trid tagħtiha l-benefiċċju ta' espressjoni xejn ċara kull darba li rrakkontat kif seħħ l-inċident u partikularment kif tniżżel minn ħadd ieħor fuq dak li tkun qaltlu.

**19.** L-anqas ma jirrisulta li l-ferita li kellha f'idejha, li minn dak li fehmet il-Qorti hija tassew kompatibbli ma qatgħa bi ħġieġa, kienet "*self inflicted*". Kieku kienet hekk, mit-tobba kollha li rawha żgur li kienu jintebħu b'ċirkostanza bħal din. It-tobba kollha li rawha stabbilew, anke jekk ma qaluhx espressament, li din il-ferita f'idejha il-leminija tassew kienet ikkaġonata minn oġġett estraneju li jaqta'. Il-Qorti qieset ukoll li din ma kienitx l-ewwel darba li weġġa' ħaddiem fuq dan il-post, tant li Christian Brincat li kien impjegat mas-Soċjeta' konvenuta jgħid li hu kemm-il darba kien iwassal lil xi ħadd il-poliklinika tal-Mosta kull meta jweġġa' xi ħadd, għalkemm għid ukoll li ma jiftakarx il-każ tgaħha (a' fol 152 tergo). Dan il-

fatt jaqa' fin-narrativa ta' dak li xehdet l-Attriċi. Għalhekk il-frekwenza ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol tixhed ukoll dawl fuq jekk kienx hemm "*a safe system of work*", għaliex fi kliem dan ix-xhud dawn seħħew kemm-il darba. Jekk kien hemm kemm-il darba inċident ma jidhirx li s-Soċjeta' għamlet ħilitha biex dawn ma jibqgħux jiġru.

**20.** L-anqas ma jirriżulta li s-Soċjeta' kellha uffiċjal biex jaċċerta li ma jkun hemm ebda perikoli għal min jaħdem fuq il-post tax-xogħol. Di fatti Rosario Formosa għas-Soċjeta konvenuta jgħid ukoll li wara l-inċident "*sibna li kien hemm bieb fil-kuritur bi hgiega imkissra (u mhux tieqa kif qieghda tghid issa Yordanka u ghalhekk nista' nassumi li l-allegat incident sehh hemm hekk. Nerga' nghid li qabel l-incident ma kellna ebda rapport dwar hsara fuq dan il-bieb jew xi hgiega krakjata, u wara l-incident biddilna l-hgiega prontament*" (a' fol 230).

**21.** Minn dan il-passaġġ jirrisultaw żewġ fatti importanti. L-ewwel li allura huwa minnu li ħġieġ perikoluż kien hemm tant li dan ix-xhud jinsisti li l-inċident seħħ ħdejn dan il-bieb. It-tieni li biex jirraportawlek perikolu bħal bieb bi ħġieġ imkisser irid ikollok il-persuni idoneji biex jagħmlu dan. Bħal donnha s-Soċjeta' Attriċi tippretendi, toqgħod tistenna sakemm l-istess ħaddiema jew residenti li jagħmlu rapport dwar perikoli fil-lukanda. Il-Qorti tfakkar li kull min iħaddem għandu jiżgura li:

*"(a) kull tieqa jew superfici trasparenti jew li jghaddi d-dawl minnha u li tinsab f'hajt, f'hajt divizorju, f'bieb jew xatba, kemm jekk fi kmamar jew f'rotot ta' traffiku, li ma jkunux maghmulin minn materjal sigur, ikunu*

*protetti adegwatament kontra l-possibilità ta' ksur u jkunu mmarkati b'mod xieraq f'livell adatt u li jidher sew"* (Reg 15(3)(a) tal-Avviż legali 424/15).

**22.** Dan ifisser li s-Soċjeta' konvenuta għandha l-obbligu li tieħu l-inizzjattiva hi li tara li i-lukanda bħala post tax-xogħol u anke bħala li tospita residenti, li din tkun ħielsa mill-perikoli. Ma għandhiex tistenna li jkun ħadd ieħor li jiġi jirraportah iżda li tkun hi li preventivament teliminah.

**23.** Issa fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment biżżejjed li jwassal għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoi. Kif jingħad fis-**Sentenza fl-ismijiet Farrugia vs Farrugia deċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966** li "*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo*" (Ara ukoll **Sentenza tat-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet George Bugeja -vs- Joseph Meilak**).

**24.** Issa l-Qorti saħansitra għamlet aċċess sabiex tara fejn ġara l-inċident. Ma setax ikun hemm aċċess għall-kamra fejn seħħ l-inċident u

sar aċċess f'kamra simili. L-Attriċi provat tispjega kif seħħ l-inċident u anke f'din l-okkazzjoni ma kienitx ċara biżżejjed dwar il-mekkanika tal-inċident. B'dan ma jfissirx li l-inċident ma seħħx jew li mhux tassew weġġgħet fuq il-post għaliex wara kollox il-qatgħa ġiet ikkawżata minn oġġett li jaqta' u li huwa kompatibbli ma ħġieġa kif spjegat l-Attriċi. Għalhekk il-Qorti fuq skorta tas-Sentenzi fuq imsemmija tasal għall-konklużjoni li taħti għall-inċident is-Soċjeta' konvenuta minħabba nuqqas tagħha li preventivament tieħu dawk il-miżuri kollha biex telimina l-perikolu tempestivament.

**25.** Pero' dan ma jfissirx li s-Soċjeta' konvenuta għandha bil-fors tiġi akkolta bid-danni kollha għaliex fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti issib li fil-każ odjern għandu jkun applikat l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

"*Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċiedi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni.*

**26.** Minn dan l-artikolu joħroġ, li l-vittma <u>tista' tikkontribwixxi għall-ħsara jew tagħti okkażjon</u>i għall-ħsara. Għalkemm dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza

kontributorja, il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma tikkontribwixxi għal ħsara jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara. Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: kellha tilbes seat belt u ma libsitux) u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv (eż: qasmet bl-addoċċ meta kienet fis-sakra).

**27.** Dwar kif għandu jkun hemm apporzjonament ta' responsabbilta' din il-Qorti tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Joseph Galdes -vs- Victor Micallef, Appell Ċivili tal-20 ta' Jannar 1964 ( Vol XLVIII.i.59)** fejn il-Qorti spjegat hekk:

"*Li meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal jew ikkaguna il-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew id-danneggjanti ikunu ikkagunaw id-dannu b'semplici kolpa jew anke b'dolo, minghajr regola prestabbilita' mill-ligi stess li tistabilixxi ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollov f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu*."

**28.** F'dan ir-rigward huwa interessanti ukoll dak li tgħid il-ġurisprudenza ingliża f'dan ir-rigward u ċioe' li "*apportionment involves an individual choice or discretion as to which there may well be differences of opinion by different minds. For this reason it should be interfered with only in very exceptional cases"* (Ara **House of Lords Mcgregor Case [1943] A.C 197. Ara ukoll Sentenza Edward George Arrigo et -vs- Paul Laferla, Appell Kummerċjali tas-16 ta' Mejju 1960**).

**29.** Issa dan kollu qiegħed ikun osservat minħabba dak li qalu it-tobba f'din il-Kawża. Ċertifkat ta' Dr Jason Zammit jgħid li "*explanatory survey offered but refused … Her function is not expected to improve without surgery*" (a' fol 19). Ikompli jgħid li "*… kont ghedtilha jiena ha niktiblek ghax-xoghol …. ghedtilha li dan mhux rapport mediku. Biex ikun rizultat mediku one needs a more detailed analysis u niktbu a proper medical report with percentage disability*" u li "*Kienet offruta operation at the time, pero' kienet irrifjutat*" (a' fol 70). Dan l-istess tabib ikompli jiċċara li li kieku operat lilha innifisha "*Naturalment hux. Naturalment. I mean jekk ikun hemm tendon jew nerve illi jkunu imcarrtin. L-ideja li toperhom hija li l-funzjoni timpruvja. Ma jfissirx li ha jigi 100% imma I mean jimpruvja hux*" (a' fol 71). Ikompli jżid li d-diżabilta' tagħha mhux rimedjabbli kompletament imma l-posizzjoni tagħha kienet titjieb kieku għamlet l-operazzjoni (a' fol 72 tergo).

**30.** Anke l-espert mediku tal-Qorti Mr. Carmel Sciberras jgħid li "*About a year or so after the injury, she saw a hand specialist. He suspected that there may have been tendon and nerve damage and he suggested exploration of the wound. She declined*." (a' fol 146). Josserva ukoll li "*Since Ms Yaradova declined an exploration of the wound by the hand specialist, the above problems remain a bit speculative*". U in eskussjoni dan l-istess tabib jafferma in eskussjoni li li "*Kieku marret aktar kmieni u accettat li ssirilha l-operazzjoni kien ikollha forsi a higher chance li tkun ahjar*" (a' fol 162 tergo).

**31.** L-Attriċi min-naħa l-oħra tipprova tispjega għalfejn ma rieditx tagħmel operazzjoni. Tgħid li "*I denied because I couldn't afford it*". (a' fol 37). Imma dan ma setax ikun il-każ stante kif jispjega t-tabib li kien raha din ma kienitx kwistjoni ta' flus għaliex "… but anyone who has an emergency injury in Malta we treat meta jkollok r*upture tendon injury isiru b'xejn mill-isptar, jekk ikunu"* u jgħid *"Bulgarian European"* (a' fol 70 tergo).

**32.** Issa l-Bulgarija saret membru tal-EU fl-1 ta' Jannar 2007 u għalhekk hija intitolata għall-kura b'xejn fl-Istat Malti. Iġifieri jekk l-Attriċi daħlitha f'rasha li riedet tħallas għalhekk kienet żbaljata. Ġaladarba li bl-intervent kirurġiku s-sitwazzjoni tagħha setgħet timmeljora allura għandha parti ħtija għal dak li għandha llum u għalhekk fit-termini tal-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili ġiet li kkontrubwiet jekk mhux għall-inċident żgur għall-ħsara nnifisha.

**33.** Inkwantu li kemm jista' jkun li d-danneġjat jitqiegħed fl-istess posizzjoni li kien qabel ma sar l-inċident in ommaġġ tal-prinċipju tar-*restitutio ad integrum*, intqal illi "*Naturalment din ir-regola tar-restitutio in integrum hi kwalifikata minn regola oħra li timponi fuq l-attur id-dmir li jieħu l-miżuri kollha raġonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun ġarrab bħala konsegwenza tal-fatt illeċitu, b'mod li jista' jiġi eskluż, fil-każijiet kongruwi, mir-riżarċiment ta' dik il-parti tad-danni dovuta għan-nuqqas tiegħu li jieħu dawk il-passi."* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Michael Camilleri -vs- Joseph Saliba, Qorti Ċivili Prim' Awla, 28 ta' Marzu 2003**). Għalhekk il-Qorti

qed tqies li fiċ-ċirkostanzi din il-kontribuzzjon da parti tal-ħsara li sofriet l-Attriċi għandha tkun fil-grad ta' 20%.

<u>*Likwidazzjoni tad-danni*</u>

**34.** Ġaladarba ġiet stabbilita r-responsabbilta' tas-Soċjeta' konvenuta, issa jmiss li jiġu likwidati d-danni.

**35.** Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**36.** Speċifikatament, id-*damnum emergens* jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Fil-waqt li *lucrum cessans* jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*"

**37.** Kif ingħad is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili:

"*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba*

*l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

<u>*Damnum Emergens*</u>

**38.** Kif diġa' rilevat dan jirrigwarda ħsara effettiva u attwali li sofriet l-Attriċi b'konsegwenza tal-inċident. Dwar dawn ix-xorta ta' danni l-provi huma skarsi għall-aħħar tant li anke fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-Attriċi dawn ma ġewx trattati. Di fatti fin-nota tagħha tgħaddi mill-ewwel sabiex tindirizza l-*lucrum cessans* mingħajr l-iċken aċċenn għad-*damnum emergens* (a' fol 248). Di fatti anke l-istess Attriċi imminimizzat għall-aħħar dawn ix-xorta ta' danni tant li l-anqas riedet tagħmel operazzjoni minħabba l-impressjoni ħażina li kellha riedet tħallas għaliha.

**39.** B'dana kollu jirrisulta li kull meta jiġiha l-uġiegħ kienet tirrikorri għall-analġesiċi u huwa ukoll minn awl id-dinja li xi xorta ta' infieq għal mediċina palljattiva żgur li saru. Ġie ritenut li *"fin-nuqqas ta' mezzi probatorji ta' l-ammont tad-danni dan l-ammont jiġi ffissat ex aequo et bono mill-ġudikant skont id-dettami tar-raġuni u tal-kuxjenza tiegħu meta jiġi msejjaħ biex jistabilixxi l-kwantitativ tad-danni"* (**Neg. Edgar Laferla nomine –vs – Neg. Antonio Cachia proprio et nomine, Qori tal-**

**Kummerċ. 6 ta' Ġunju 1951).** Dawn huma l-mumenti fejn il-Qorti biex tagħmel ġustizzja ikollha tirrikorri għall-prinċipju ta' ġustizzja ekkwittativa. Għaldaqstant f'dan ir-rigward qed tillikwida arbitrio boni viri s-somma ta' mitejn ewro (€200).

*Lucrum Cessans*

**40.** L-Awtur Taljan Torrente jsostni li "*la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo.*" (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**). Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinċiż (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**41.** B'danakollu intqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant ma għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwittativ ta' arbitrio boni viri meta jiġi biex iqis danni futuri, meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (ara **Sentenza Michael Butler vs Christopher Heard tat-22 ta' Diċembru 1967**).

**42.** Għal dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-**Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef rriteniet fil-kawża ġia ċitata Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c** et intqal li "*dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-*

*inċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ; Illi l-kliem 'inkapaċita għal dejjem' li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li 'f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizża kieku ma kienx għall-event leżiv"* (Ara **ukoll Sentenza tal-Prim Awla P.A. tat-30.1.2008 fil-kawża fl-isimijiet Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et (mhix appellata)**).

**43.** Dan ifisser li hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun gwidad mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq bil-caveats legali kollha li dan il-prinċipju iġib miegħu (Ara **Sentenza tal-P.A. tat-3 ta' Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet Maria Debono vs Andrew Vaswani mhix appellata**).

**44.** Huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li jħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "past pecuniary loss" u "future pecuniary loss". Tant hu

hekk, li huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*" (**Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64**)

**45.** Din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali. Il-Qorti għalhekk tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża (Ara **App. Ċiv. 30.11.1964 fil-kawża fl-ismijiet Cachia vs Conti et (Kollez. Vol: XLVIII.i.500**). Iżda l-kriteru tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha (Ara

**App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Carbone noe (Kollez, Vol: LXXXII.ii.242)**)

**46.** Ħaġa oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment (Ara **Sentenza tal- P.A. tal-31 ta' Jannar 1995 fil-kawża fl-ismijiet Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna (mhux appellata)**). Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll li l-multiplier jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-Attriċi irid isir bi tqabbil ma' dak li kienet attwalment tirċievi kieku ma ndarbitx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom bi ħwejjeġ bħal dawn (**Kemp op cit. §§ 3.29 – 3.30 f'paġ. 73**). Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal.

**47.** Il-prinċipji bażiċi tal-mod kif jiġu kalkolati d-danni futuri ġew stabbiliti fil-kawża illum ormai klassika ta' Butler -vs- Heard. Jista' jkun li din il-Kawża ma stabbilitx l-aqwa kriterji possibbli iżda sa issa provdiet l-aħjar kriterji għal kalkolu tad-danni. Ovvjament dawn il-prinċipji evolvew maż-żmien permezz ta' pronunzjamenti oħra ta' dawn il-Qrati bħal dik ċitata aktar illum.

**48.** Fil-qosor dawn huma l-prinċipji. Kwantu għal kalkolu fuq medda ta' żmien imsejħa multiplier illum huwa stabbilit li dan għandu jkun mill-eta' mill-mument tal-inċident sal-eta ta' pensjoni fil-każ ta' mara ta' 64 sena. Dan mhux prinċipju fiss, fis-sens li tul ħajja ta' bniedem hemm diversi fatturi li jiddeterminaw il-lonġevita' tiegħu partikularment fid-dawl tal-avvanz tal-mediċina fil-kura tas-saħħa. Għalhekk mhux regola fissa li tkun daqstant fit-tul jekk jirrisulta li l-persuna minħabba kundizzjonijiet persistenti għas-sinistru kienet diġa' fi stat ta' saħħa ħażin li prevedibbilment ma kienux jippermetulha li tgħix sa 64 sena.

**49.** Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, fil-mument tal-inċident l-Attriċi kellha 52 sena (Ara dok a' fol 150). Dan ifisser li kalkolu ser isir fuq medda ta' 12 sena tenut kont li l-eta' pensjonabbli ta' mara hija dik ta' 64 sena.

**50.** Huwa ukoll stabbilit, li mill-ammont likwidat iridu jitnaqqsu 20% li jirrapresentaw il-konsum mis-somma finali kieku dak dovut kien imħallas fil-ħin. L-ermenawtika sentenzjali lokali stabbiliet li dan l-ammont għandu jitnaqqas kemm-il darba l-Kawża ddum u li dan id-dewmien għandu jkun ikkalkolat mhux minn meta jseħħ l-inċident iżda minn meta tiġi intavolata l-kawża. L-Attriċi qed tippretendi li ż-żmien għandu jittieħed minn meta sar l-inċident u mhux minn meta saret il-Kawża għal fini ta' *lump sum payment* (para 4.4 nota ta' osservazzjonijiet a' fol 249). Fil-każ li ai fini ta' multiplier hekk hu, mhux hekk iżda fil-każ ta' dan il-prinċipju u din il-Qorti

taqbel ma' dak stabbilit minn dawn il-Qrati f'dan ir-rigward u mhux ma' dak li tippretendi l-Attriċi.

**51.** Il-Qorti għandha ukoll tikkonsidra jekk id-dewmien kienx ħtija tal-konvenut, allura ma jkunx hemm tnaqqis jew ħtija tal-Attur li allura għandu jkun hemm tnaqqis. Bħala prinċipju dawn il-Qrati jgħidu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' żewġ perċentwali għal kull sentejn tnaqqis. L-ewwel sentejn ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għaliex dan huwa meqjus raġjonevoli. F'dan il-każ il-Qorti qieset li tnaqqis bħal lump sum fl-ammont ta' 18% fil-mija jkun ġust tenut kont taċ-ċelerita' tal-proċeduri f'din il-Kawża.

**52.** Il-persentaġġ tad-danni permanenti huwa kruċjali għall-aħħar għaliex huwa dan li jiddetermina x'għandu effettivament l-ammont ta' danni likwidati. F'kawżi ta' korrimenti, il-Qorti neċessarjament tiddependi fuq l-opinjoni esperta ta' tobba u professuri. Meta l-Qorti taħtar espert tagħha għandha kemm jista' jkun tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tiegħu b'dana ma jfissirx li din il-Qorti għandha tiskarta l-opinjoni ta' tobba ex parte li jkunu eżaminaw lill-Attur. L-importanti li l-Qorti toqgħod fuq opinjoni esperta u teknika u mhux tassumi dan ir-rwol f'materja tant teknika.

**53.** Dwar dan l-element f'din il-Kawża l-Qorti ħasbet fit-tul u dan għaliex jidher li ż-żewġ tobba li eżaminawha kellhom xi riservi fuq il-perċentaġġ mogħti minnhom stess. Kif diġa' rilevat Dr. Jason Zammit jixhed "… *kont ghedtilha jiena ha niktiblek ghax-xoghol … <u>ghedtilha li dan mhux rapport</u>*

<u>mediku</u>. *Biex ikun rizultat mediku one needs a more detailed analysis u niktbu a proper medical report with percentage disability*" (Emfażi tal-Qorti). Fil-waqt it-Tabib maħtur mill-Qorti Mr. Carmel Sciberras, kif ukoll diġa rilevat, jinnota li "*Since Ms Yaradova declined an exploration of the wound by the hand specialist, <u>the above problems remain a bit speculative</u>*" u stabilixxa rata ta' 5% diżabilita' permanenti (Emfażi tal-Qorti a' fol 148). Għalkemm huwa minnu li ż-żewġ tobba jaqblu fuq diżabilita' permanenti ta' 5% xorta jħallu togħma xejn tajba mhux li dan il-perċentwal jista' jkun aktar iżda li jista' jkun anqas. Għalhekk din il-Qorti ser tistabilixxi perċentwal ta' 3% b'sens ta' ġustizzja.

**54.** Il-kalkolu dejjem isir fuq l-entrojtu tad-danneġġjant. Dan ħafna drabi jkun ibbażat fuq id-dikjarazzjoni tat-taxxa ta' dak li jkun jew bi prova diretta ta' min ikun qiegħed jagħmel il-ħlas. Fil-każ li għandha quddiemha s-salarju li kienet tirċievi l-Attriċi kien wieħed pjuttost modest. Paga nett kienet taqbad €113.42 fil-ġimgħa (a' fol 92 sa 95).

**55.** Issa huwa minnu li l-Attriċi kienet taħdem fuq bażi part time u li hemm xi Sentenzi anke ċitati aktar 'l fuq li għandu jittieħed l-entrojtu tas-salarju attwali, f'dan il-każ ta' part time. Bid-dovut rispett lejn dawn is-Sentenzi, din il-Qorti taħsibha mod ieħor, għaliex hawn si tratta ta' telf tal-potenzjalita' kollha tal-qliegħ tad-danneġġjant u mhux parti minnu. Huwa prinċipju stabbilit li kull individwu għandu dik il-ġibda li jaqla' aktar, dejjem jekk saħħtu tkun tidher li tagħtih. Issa mill-provi ma joħroġ xejn li jindika li l-Attriċi kienet qed tbati minn xi kundizzjoni pre-esistenti għall-inċident li

jostakolha jew ma jippermettilhiex li timmassimizza l-potenzjal tagħha li jkollha impieg anke *full time.* Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tieħu kalkolu tas-salarju ta' €113.42 fil-ġimgħa għal fuq medda ta' 12-il sena.

**56.** Pero' din il-Qorti tagħti ukoll importanza l-prinċipju tar-*restitution ad integrum*, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista' jkun titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja, li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta' dak li hu mixtieq milli ta' dak li hu rejali, għaliex huwa umanament impossibbli, li wara inċident gravi, l-persuna danneġġjata terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.

**57.** Din il-Qorti tqis dan l-element bħal integrita' tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-istatus quo ante. Apparti l-parti materjali tal-ġisem li tkun tilfet, hemm l-elementi ta' natura psiko-fiżika. Fil-każ odjern, għandna persuna pjuttost anzjana, b'ħiliet limitati, li bil-kondizzjoni li nħolqitilha ser jagħmluha aktar diffiċli għaliha li ssib impieg ta' din ix-xorta.

**58.** Il-fatt li hi mara barranija b'komunikazzjoni fqira għall-aħħar bl-ilsien Ingliż, li għalkemm ma jidhirx li hu ta' ostaklu għax-xogħol li kienet tagħmel, issa li ma tistax tagħmlu, dan il-fattur tal-lingwa żgur ser ittellifha minn opportunitajiet oħra ta' xogħol li ma huwiex bħal dak li taf tagħmel u li llum ma tistax tagħmlu minħabba l-kundizzjoni li ħolqilha l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk f'dan ir-rigward din il-Qorti ser tkun qed tillikwida s-somma ta' elfejn u ħames mitt ewro **(€2,500**).

**59.** Fl-aħħar nett irid jingħad ukoll li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, jittieħed inkonsiderazzjoni li fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa ser jitlef il-valur magħruf bħala "purchasing power" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet.

**60.** Kif jingħad, "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index-imperfect instrument it may be, it is the best we have*". (**Ara Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**). Issa skond l-indiċi tal-inflazzjoni tal-prezzijiet anness mal-Kap 158 tal-liġijiet ta' Malta ir-rata ta' inflazzjoni fl-2016 kienet 838.29 u sakemm ġiet biex tingħata din is-Sentenza telgħet għal 947.40, bl-aħħar aġġustament fl-2022. Għalhekk li kieku kellha din il-Qorti tqies ir-rata tal-inflazzjoni b' żieda ta' sitta fil-mija (6%) tkun ħaġa xierqa u ġusta.

<u>*Kalkoli finali*</u>

**61.** €113. 42 (salarju fil-ġimgħa) x 12 (snin sal-eta' pensjonabbli ta' 63 sena) = €70,774 – €12,739.33 (18% lump sum payment) = €58,034.67 // 3% (Rata Diżabilta') = €1741.04 – €348.20 = €1,393 (20 % rata ta' kontributorjeta' għall-ħsara) + €84 (inflazzjoni) = (€1,477) + €2500 (integrita' psiko-fiżika) = **€3,977.** Dan huwa l-ammont aħħari ta' danni *lucrum cessans* pju pero' €200 *damnum emergens* biex għalhekk id-danni kollha jammontaw għal erbgħat elef mija sebgħa u sebgħin ewro **(€4177**).

**62.** Fl-aħħar nett il-Qorti tħoss li għandha tirrileva, li ħadet nota ta' dak li allegat is-Soċjeta' konvenuta dwar serq li sar mill-Attriċi wara l-inċident. Jgħidu li ħallset kull ma ħadet. Il-Qorti qieset, li dan l-episodju, ftit li xejn jinċidi fuq il-mertu odjern għaliex għamlet x'għamlet il-permanenza tal-ġrieħi hemm qegħdin. Ara li kieku weġġgħet b'konsegwenza ta' kommissjoni ta' rejat fuq il-post tax-xogħol, kienet tkun ħaġa oħra, iżda kjarament dan ma hux il-każ, għaliex sewwasew l-allegat serq seħħ wara l-inċident.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara li s-Soċjeta' konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident imsemmi għad-danni sofferti mill-Attriċi, pero' stante li l-Attriċi għalkemm ma tatx okkażjoni għall-inċident ikkontribwiet f'rata ta' 20 % għall-ħsara li batiet, għalhekk sa fejn jirrigwarda din il-ħsara s-Soċjeta' Attriċi hija obbligata biss, li tħallas 80% tad-danni sofferti mill-Attriċi u kollox kif kalkolat fl-akkoljiment tat-tieni talba.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tillikwida id-danni sofferti mill-Attriċi fis-somma ta' erbgħat elef mija sebgħa u sebgħin ewro **(€4177**).

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas lill-Attriċi is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża kwinta ($^1/_5$) għall-Attriċi u r-rimanenti kwota ta' erbgħa kwinti ($^4/_5$) għas-Soċjeta' Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**